**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 522/2018/1 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
*(is-soċjetà appellata)*

***vs.***

**Dr Joseph Ellis li b'digriet tat-30 ta' Mejju 2014 ġie nominat bħala kuratur deputat biex jirrappreżenta lill-assenti Scott Paul Anthony Buttigieg (K.I. numru 32162 I(A)**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **l-Avukat Dott. Joseph Ellis fil-kwalità tiegħu ta' kuratur deputat biex jirrappreżenta lill-assenti Scott Paul**

**Anthony Buttigieg** (K.I. numru 32162 I(A) [minn issa ʼl quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2019, [minn issa ʼl quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-appellant, filwaqt li laqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti **Bank of Valletta p.l.c.** (C 2833) [minn issa ʼl quddiem "is-soċjetà appellata"], u ordna lill-appellant iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' erbat elef mitejn u disgħa u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,259.49), flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-ħlas effettiv.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw pretensjoni tal-ħlas magħmula mis-soċjetà appellata fil-konfront tal-appellant għall-bilanċ ta' debitu pendenti fuq *consumer loan* li ngħatat mill-istess soċjetà appellata.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż fil-5 ta' Novembru, 2018, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex jiddikjara li l-appellant kien dovut iħallas is-somma ta' erbat elef mitejn u disgħa u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,259.49) rappreżentanti bilanċ tad-debitu tal-*"consumer loan"* tiegħu mas-soċjetà appellata, u dan flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru, 2018, sad-

data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2018, u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment.

4. L-appellant laqa' għat-talba tal-bank appellat billi eċċepixxa prelimarjament il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ddikjara li huwa ma kienx edott mill-fatti li taw lok għall-kawża odjerna u rriżerva li jintavola risposta ulterjuri jekk dan ikun opportun.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Illi l-konvenut isejjes id-difiża tiegħu fl-ewwel lok fuq Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi:*
>
> > 2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
> >
> > (a) l-azzjonijiet għal annati ta' ċnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizji, ta' mgħaxijiet ta' ċnus bollali li tnisslu qabel l-14 ta' Awissu, 1862 u għall-ħlas tal-lawdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' fondi enfitewtiċi;
> >
> > (b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;
> >
> > (c) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba';

(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;

(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;

(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt prekrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra:

Iżda l-preskrizzjoni dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ), meta tali ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta, tagħlaq bl-għeluq ta' għaxar snin.

*Illi għalkemm il-konvenut ma ndikax taħt liema sub-artikolu partikolari tal-artikolu fuq imsemmi qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni, it-Tribunal qed jifhem li l-konvenut qed jirreferi għall-Artikolu 2156 (e) u occorrendo (f).*

*Illi dak li jeħtieġ jindaga dan it-Tribunal f'dan il-punt huwa jekk il-konvenut qua kuratur setax jilqa' għat-talba attriċi permezz ta' din l-eċċezzjoni.*

*Illi fis-sentenza* **Bank of Valletta plc *vs.* Dr. Patrick Valentino noe et.** *(fn. 1 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – per. Onor, Imħallef M. Hayman, 17 ta' Jannar 2018), hemm indikat illi:*

*Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Casapinta Design Group Ltd vs Dr. Tonio Azzopardi noe.** deċiżjoni mogħtija ferm qabel l-emmendi diskussi ingħad-*

"Il-Qorti tislet riflessjoni fuq dan il-punt mill-każijiet fejn kuratur bħal dan jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Jinsab paċifikament assodat, almenu sa mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, sede Ċivile, tas-17 ta' Ġunju 1881 fil-kawża fl-ismijiet **"Dr. Francesco Sammut nomine -vs- Dr. Giuseppe Rocco Peralta nomine et", (Vol. IX p 259)**, illi lil kuratur ma jistax jiġi defirit il-ġurament anke jekk jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Dan għall-motiv illi "se questo è un curatore d'ufficio è ignaro dei fatti, non puo ne affermare ne negare" ("**Fto. Calleja et -vs- Ant. Mangion nomine**", Appell Ċivili, 22 ta' Frar 1892 a **Vol. XIII p 112).** *Kif ulterjorment enunċjat,* "il provvedimento voluto dall'attore di deferire il giuramento ai curatori da prestarsi in nome e dietro istruzione del

> debitore non sarebbe conducente al fine voluto dalla legge che è quello di rimettersi alla coscienza del debitore vincolata dal giuramento; di fatti il debitore non sarebbe in tal caso astratto dal alcun vincolo di coscienza e i curatori di un fatto non proprio non potrebbero giurare che sulla fede altrui per cui lo scopo della legge sarebbe frustrato" – "**Carlo Farrugia Satariano -vs- Dr. Gius. Frendo Azzopardi et",** Qorti Ċivili, Prim'Awla, 8 ta' Jannar 1920 (**Vol. XXIV P II p 97**);"

*Illi f'dik is-sentenza, il-Qorti kompliet biex għamlet distinzjoni bejn il-ġurament deċiżorju li kien jingħata qabel l-emendi riċenti li saru fuq dak l-artikolu partikolari tal-liġi, u l-ġurament deċiżorju fis-sura ġdida li għandu llum, u ċioé ġurament deċiżorju li jrid jittieħed bilfors mill-allegat debitur (u mhux jingħata a diskrezzjoni tal-kreditur), u li fih huwa għandu jiddikjara mhux biss li m'għandux x'jagħti, iżda wkoll x'inhi r-raġuni.*

*Artikolu 2160 fil-fatt jipprovdi illi:*

2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

*Madankollu sub-artikolu (3) mbagħad ikompli:*

> (3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur

*Illi l-kuratur li jidher għall-konvenut fil-kawża odjerna ċċita l-artikolu appena msemmi u qal li ma jistax jieħu ġurament u jindika dak li titlob il-liġi.*

*Illi fis-sentenza fuq imsemmija, il-Qorti fil-fatt kompliet:*

> Isegwi allura lli lanqas m'għadu jista' jiġi sollevat li ma jistax jiġi defirit il-ġurament deċisorio lil deputat kuratur, għaliex issa dan darba li għażel il-linja ta' preskrizzjoni bħala difiża, irid tassativament **minn jeddu** jitla' u jistqarr dak mitlub minnu *ex lege*. Mela kull kuratur deputat jista' jissoleva tali eċċezzjoni però jinħtieġlu illi jkun ben igħammar bl-informazzjoni li trid minnu l-liġi biex jkun jista' jsostni l-eċċezzjoni minnu mressqa. Lanqas għalhekk ma baqa' l-każ llum li wieħed jitkellem fuq ġurament defirit lil debitur għaliex biex id-debitur issostni b'suċċess l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwenali waqa' fuqu l-piż li jagħti dan il-ġurament, m'għadux il-każ fejn l-

attur jistrieħ fuq il-kuxxjenza tad-debitur, fin-nuqqas l-eċċezzjoni mressqa ma ssibx suċċess. (fn. 2 Ibid.)

*Illi l-liġi kif ġiet emendata għalhekk tgħaddi l-piż tal-eċċezzjoni kollu fuq l-allegat debitur, mingħajr ebda distinzjoni. Għalkemm f'ċirkostanzi bħal dawn l-applikazzjoni tal-Artiklu 2160 għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn kuratur jaf fil-maġġoranza tal-każijiet tfisser illi l-kuratur ma jkunx jista' jsostniha, il-liġi hija ffurmata b'mod li ma tagħmel l-ebda distinzjoni jekk id-debitur ikunx l-allegat debitur propju jew kuratur li jirrappreżentah. Għalhekk ma jidhirx li l-kuratur jista' jissodisfa dak li jrid l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, u għalkemm din is-sitwazzjoni sejra tippenalizza lill-allegat debitur fejn ikun hemm kuratur, il-kliem tal-Liġi ma jħallu l-ebda għażla oħra lit-Tribunal għajr li jiddikjara illi l-konvenut ma rnexxielux jissodisfa dak li jirrikjedi l-artikolu appena msemmi, u għalhekk ma tistax tirnexxilu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Illi mill-bqija, il-konvenut eċċepixxa illi mhuwiex edott mil-fatti li jikkonċernaw lill-allegat debitur, iżda oltre dan ma nġabet l-ebda prova oħra, u għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma tista' tirnexxi."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, billi tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni kwinkennali, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bis-sentenza tat-Tribunal għaliex (a) il-kawża kellha tiġi deċiża skont l-ordinament ġuridiku *in vigore* meta nfetħet il-kawża; (b) il-konklużjoni tat-Tribunal kienet qiegħda żżomm lil kull min ikun assenti minn Malta milli jagħti b'suċċess l-eċċeżżjoni tal-preskrizzjoni; (ċ) dak iddikjarat minnu fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2016, kellu jitqies bħallikieku huwa kien ħa l-ġurament *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16; u (d) id-dritt tal-kuraturi deputati għandu jitħallas proviżorjament mis-soċjetà attriċi kif tiddisponi l-liġi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha filwaqt li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-appell interpost, isostni li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell interpost għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant flimkien mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

9. Fl-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, filwaqt li jiddikjara li huwa ma jistax fil-preżent jikkonstata jekk l-Att I tal-2017 kienx fih xi diżpositiv transitorju, jissottometti li l-kawża kellha tiġi deċiża skont l-ordinament ġuridiku *in vigore* meta nfetħet. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-konklużjoni tat-Tribunal iżżomm lil kull min ikun assenti mill-Gżejjer Maltin milli jeċċepixxi l-preskrizzjoni u dan iwassal għal ksur tad-dritt fundamentali tal-imsemmi assenti. It-tielet aggravju tiegħu huwa fir-rigward ta' dawk id-dikjarazzjonijiet li huwa għamel fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Diċembru, 2016, li kellhom jitqiesu bħallikieku huwa kien ħa l-ġurament rikjest mill-artikolu 2160 tal-Kap. 16. Imbagħad l-aħħar aggravju jirrigwarda l-ispejjeż li fl-eventwalità li jiġi deċiż li għandhom jiġu sopportati mill-intimat, is-soċjetà appellata għandha tħallas provviżorjament id-dritt tal-kuraturi deputati kif tiddisponi l-liġi.

10. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tissottometti fir-rigward tal-ewwel aggravju li ġaladarba il-leġiżlatur ma pprovdiex mod ieħor fl-Att I tal-2017 u fl-Att VIII tal-2017, għandu jiġi applikat il-prinċipju ġenerali ta' dritt li liġi għandha tidħol fis-seħħ u tkun applikabbli hekk kif tiġi promulgata. Fil-fatt dawn iż-żewġ atti kienu diġà daħlu fis-seħħ fid-data tas-sentenza appellata, jiġifieri fis-17 ta' Ġunju, 2019, u għalhekk korrettement it-Tribunal applika dik il-liġi. Dwar it-tieni u t-tielet aggravju, is-soċjetà appellata ssostni li dan imur kontra dak li l-leġiżlatur ried jagħmel permezz tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, fejn ma kienx biżżejjed li wieħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni, iżda kien jeħtieġ li jieħu wkoll ġurament kif mitlub mis-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16. Hawnhekk is-soċjetà appellata tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Limited *vs.* Paul Mifsud pro et** u anki għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Frar, 2018, fl-ismijiet **P & S Limited et *vs.* Noel Zammit et.** Is-soċjetà appellata sejjaħ pjuttost ażżardat l-argument li jagħmel l-appellant meta jressaq it-tielet aggravju, li l-mod kif qed jiġi interpretat l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 jagħti lok għal ksur tad-drittijiet fundamentali. Fil-fehma tas-soċjetà appellata l-pożizzjoni kienet bl-invers għaliex il-preskrizzjoni m'għandhiex isservi ta' paraventu għall-evażjoni mill-obbligi kkuntrattati hawn Malta minn persuna li sussegwentement titlaq minn hawnhekk. Ġaladarba l-appellant ma kienx f'pożizzjoni li jieħu l-ġurament rikjest mil-liġi, it-tieni element mhux possibbli. Għal dak li kien jirrigwarda l-aħħar aggravju, is-soċjetà appellata tissottometti li dan ma kien aggravju xejn għaliex l-ispejjeż tal-kuratur deputat tal-prim'istanza dejjem jitħallsu provviżorjament mir-rikorrent. Iżda l-pożizzjoni kienet waħda diversa meta l-kuratur deputat jagħżel

illi jappella u ma kienx ġust li s-soċjetà appellata teħel l-ispejjeż tal-appell fl-eventwalità li tali appell ma jintlaqax.

11. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tat-Tribunal. Tibda biex tgħid li l-Att I tas-sena 2017 u l-Att VIII tas-sena 2017, ġew fis-seħħ rispettivament fit-13 ta' Jannar, 2017, u fil-24 ta' Frar, 2017, jiġifieri qabel il-preżentata tal-kawża odjerna fil-5 ta' Novembru, 2018, u għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-emendi għall-artikolu 2160 tal-Kap. 16 li ġew fis-seħħ permezz tagħhom, huma hawnhekk applikabbli. B'hekk sewwa qal it-Tribunal li bil-liġi kif emendata, il-piż tal-prova tal-eċċezzjoni għadda kollu għal fuq l-allegat debitur, li fil-każ odjern huwa rappreżentat mill-kuratur deputat.

12. Issa kif sewwa osserva t-Tribunal, is-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16 ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn id-debitur proprju u dak rappreżentat minn kuratur deputat. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu tal-liġi huma ċari u inekwivoċi u ma jagħtix xi setgħa lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi li dan mhux applikabbli fejn id-debitur huwa rappreżentat minn kuratur deputat. Għaldaqstant l-appellant fil-kawża odjerna kellu l-obbligu li jottempora ruħu ma' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ried li tirnexxi l-eċċezzjoni tiegħu ta' preskrizzjoni. Iżda waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2019, għall-kuntrarju Dr Joseph Ellis iddikjara *"...illi huwa fi kwalità tiegħu ta' Kuratur Deputat tal-konvenut assenti mhuwiex f'pożizzjoni illi jottempera ruħhu mal-vot tal-Liġi"* u għalhekk din il-Qorti tqis li l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl ta' dak li jirrikjedi s-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16, ma tħalli l-ebda dubju li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma setgħetx tingħata minnu. Il-Qorti tosserva li l-appellant nomine jagħmel riferiment għal dikjarazzjoni ġuramentata magħmula minnu u

saħansitra jiċċitaha, iżda ma jidhirx li din saret fil-proċeduri odjerni, iżda forsi f'proċeduri oħrajn, u dan filwaqt li tirrileva li l-appellant ma jistax jippretendi li għandu jkun hu li jiddeċiedi kif għandha tiġi interpretata l-liġi u jekk tali dikjarazzjoni ġuramentata tissodisfax il-vot tas-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16.

13. L-appellant jilmenta mill-fatt li fejn jiġi maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta persuna assenti minn dawn il-Gżejjer, kien ferm improbabbli li dan jirnexxielu jagħmel kuntatt mal-persuna assenti sabiex jottjeni dik l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-liġi. Jissottometti li b'hekk jekk it-Tribunal huwa korrett fid-deċiżjoni tieghu, dan kien ser iwassal sabiex jiġi leż id-dritt fundamentali tal-assenti li jgawdi mill-istess drittijiet u obbligi bħal kull ċittadin ieħor. Hawnhekk il-Qorti mill-ewwel tgħid li m'għandhiex il-kompetenza li tiddeċiedi kwistjonijiet ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Il-kompetenza assoluta fir-rigward tad-deċiżjoni tagħhom hija mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn saħansitra ikun hemm ukoll dritt ta' appell.

14. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravju, kif sewwa tissottometti s-soċjetà appellata, dan bl-ebda mod m'għandu x-xeħta ta' aggravju għaliex l-ispejjeż tal-kuratur deputat tal-prim'istanza dejjem jitħallsu provviżorjament mir-rikorrent, imma meta l-kuratur deputat jagħżel illi jappella, ma jkunx ġust li s-soċjetà appellata teħel l-ispejjeż tal-appell fl-eventwalità li tali appell ma jintlaqax.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellant mhux ġustifikati u tiċħadhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**